MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 458/2003

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha (9) ta’ Marzu tas-sena 1991 fil-Knisja ta’ San Gwann Tas-Salib, Ta Xbiex u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta’ l-Iskrizzjoni (178/1991) vide Dok SA.

Peress illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-konvenuta ma kellhiex id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghal-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Peress li minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-disgha (9) ta’ Marzu tas-sena 1991, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) para (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-ebda wahda mir-ragunijiet li qed jadduci l-attur bhala bazi ghad-dikjarazzjoni tan-nullita’ taz-zwieg bejn il-partijiet ma tirrizulta fil-konfront ta’ l-eccipjenti.

2. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fit-9 ta' Marzu 1991 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak tal-kontendenti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-istess artikolu. Minn naha taghha l-konvenuta tichad l-ezistenza fil-konfront taghha tar-ragunijiet imressqa mill-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Marzu 1991 meta allura l-attur kellu 31 sena u l-konvenuta kellha 29 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sena u nofs, ghalkemm kienu ilhom jafu lil xulxin il-fuq minn ghaxar snin stante li kienu jahdmu ma' l-istess kumpanija. Iz-zwieg gie kkonsumat ezatt wara z-zwieg bir-rizultat li l-konvenuta harget tqila, izda sofriet korriment; sussegwentement regghet nqabbdet tqila u fit-30 ta' Gunju 1992 twieled l-uniku wild taghhom. Wara l-mewt ta' omm il-konvneuta, fit-12 ta' Gunju 1997, il-konvenuta qabadha breakdown bir-rizultat li l-hajja matrimonjali ddegenerat b' tal-mod li f' Settembru 2001, wara konvivenza matrimonjali ta' circa 10 snin, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali flimkien mat-tifel.

*Versjoni ta' l-attur*[1]

L-attur jispjega li matul l-gherusija relattivament qasira taghhom, ghalkemm kien hemm certu affarijiet fil-konvenuta li hu kien jarahom strambi, bhal per ezempju l-fatt li l-hrug fil-grupp tal-hbieb kien idejjaqha, peress li kienet tibza li jkun hemm certu kunfidenzi, kif ukoll li

[1] Affidavit fols.17 *et seq.* u Deposizzjoni fols.81 *et seq.*

“donnu riedet thalli mistura r-relazzjoni” taghhom; huwa xorta kompla fir-relazzjoni u zzewweg lill-konvenuta li huwa ddeskriva bhala “persuna fragli hafna u li tqanqal fiha nsikurezza kbira” kif ukoll bhala “bniedma ta’ l-extremes”.

Huwa jghid li fit-tieg kollox mar tajjeb u hi kienet kuntenta hafna ghaliex ghamlet kollox kif riedet hi. L-ghadha z-zwieg gie kkonsumat, u wara korriment, hija regghet inqabdet tqila u kellhom tifel li l-attrici kienet tfissed u li kien sors ta’ tensjoni ghaliha, u li sforz fissazzjoni da parti taghha damet treddaw sa kemm kellu tlett snin meta eventwalment ddecidiet li tmur irtir Indja. L-attur jispjega li, kemm meta l-konvenuta kienet harget tqila l-ewwel darba, kif ukoll wara t-tieni darba, u anke meta kienet ghadha tredda t-tifel, hija kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg mieghu, ghalkemm kienet issir forma ta’ intimita’ bejniethom. Fid-deposizzjoni tieghu huwa spjega u kkonferma li, anke f’ dan iz-zmien inizjali taz-zwieg huwa kien ihoss li l-konvenuta kienet anzjuza u kienet tipprova tevita li jkollha x’ taqsam mieghu, u cioe’ taghmel l-att taz-zwieg.

Huwa pero’ jghid li, cio nonostante, l-ewwel tlett snin taz-zwieg “konna all right” fis-sens li l-konvenuta kienet issajjar ghall-familja u tiehu hsieb it-tifel;  izda wara tlett snin bdiet “tmajna” f’ dan ir-rigward u bdiet aktar tiehu hsieb ommha milli l-familja.

Is-sitwazzjoni aggravat wara l-mewt ta’ ommha f’ Gunju 1997 meta l-konvenuta bdiet issofri minn stat akut ta’ depressjoni, u l-attur jghid li “Mill-bidu tas-sena 1999 il-konvenuta ma rieditx li jkollha aktar atti sesswali” mieghu, stante li kienet ossessjonata bis-suspetti li l-attur kien qed ikun infidil lejha. Rizultat ukoll ta’ din l-ossessjoni l-konvenuta kienet tinfexx tghajjar lill-attur quddiem it-tifel u quddiem il-hbieb tal-partijiet.

Fil-konkluzjoni ta’ l-affidavit tieghu l-attur jilmenta li “jiena batejt hafna mizzewweg ma’ Marie Lourdes.  Batejt umiljazzjonijiet, wegghat, nuqqas ta’ fiducja, nuqqas shih ta’ mhabba..”

*Versjoni konvenuta*[2]
Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li hja kienet iddecidiet li tizzewweg lill-attur "Heqq ma kellix choice … ghax kont wasalt fix-xifer. Tant kelli disappointments qabel, li ma kienx ridt nizzewwegg, imma dan ir-ragel tieghi ried jizzewweg." Hija tghid: " .. kont wasalt fix-xifer li nghid jien ma rridx nghix hajja mizzewwga …. Imma mbaghad Alla baghtli lil dan ir-ragel u ried jizzewweg, u jiena ghidtlu naccetta z-zwieg bil-backing ta' ommok u ta' ommi, ghidtlu ghax il-bqija m' hinix ser naccetta zwieg u t-tnejn [tawni l-appogg taghhom] sakemm mietet ommi. Kif mietet ommi nqala' l-maltemp."

Hija kompliet ix-xhieda taghha tirrakkonta dwar l-infedelta' ta' zewgha li bdiet tinduna biha meta "iccaqlaqli mohhi u bdejt ninduna li qed nara affarijiet in the astral." Dan kien circa hames jew sitt snin wara z-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi in tema legali jigi osservat li sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu jehtieg li jipprova li l-*capita nullitatis* indikati minnu fic-citazzjoni, jew wiehed minnhom, kienu jezistu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali; u ghalhekk l-komportament tal-parti wara d-data taz-zwieg jista' jkun rilevanti biss jekk jghati dawl fuq din il-prova f' dan il-mument krucjali.

Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [d] li fl-ewwel parti tieghu jikkontempla, bhala wiehed mill-*capita nullitatis,* il-kaz meta l-partijiet, jew parti, tkun affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja konjugali.

In tema legali jigi osservat li l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jinsabu defeniti fil-gurisprudenza bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as

[2] Deposizzjoni 5 ta' Gunju 2007, fols.101 *et seq.*

bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*]. Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the "community of life and love".

Illi jinsab ukoll ritenut li l-kuncett ta' maturita' affettiva jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar* 2006].

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti tirravvisa nuqqas ta' maturita' affettiva da parti tal-konvenuta lejn il-konjugi taghha. Dan beda jimmanifesta ruhu minn qabel iz-zwieg meta l-konvenuta, wara li ghaddiet minn esperjenzi ta' disappunt minhabba relazzjonijiet precedenti serji ta' imhabba li kellha u li fallew bir-rizultat li kienet qatghet qalba miz-zwieg, accettat li tizzewweg lill-attur, ghax hu hekk ried u bil-kondizzjoni li jkollha l-appogg tal-genituri taghhom. Di piu' ftit wara d-data taz-zwieg, meta l-konvenuta kienet harget tqila, kienet qed timmanifesta riluttanza li taghmel l-att taz-zwieg ma' zewgha u dana ghal tul relevanti ta' zmien u cioe' sakemm baqghet tredda

t-tifel sa kemm kellu tlett snin;  u sussegwentement marret gimghatejn irtir l-India.

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li generalment bi ftit counselling problemi bhal dawn jigu superati, pero' jidher li l-konvenuta kienet twebbes rasha u thoss u taghmel dak li jidhrilha ghax temmen li dak huwa t-tajjeb. B' disposizzjoni mentali bhal din l-ebda counselling jew sforzi da parti ta' l-attur ma setghu jbiddlu l-atteggjament tal-konvenuta, li l-Qorti temmen li dan huwa proprju hekk minhabba n-nuqqas ta' maturita' affettiva da parti tal-konvenuta.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta hija tip ta' persuna li temmen li dak li tahseb u li tghid hi biss tajjeb. Huwa evidenti li din l-egocentricita' li kienet tezisti anke qabel iz-zwieg, u li bdiet timmanifesta ruhha bil-mod fuq indikat wara z-zwieg principalment bic-cahda tal-attur mill-att konjugali, apparti milli turi nuqqas ta' affettivita' lejn zewgha, jirrendu l- kunsens matrimonjali taghha vizzjat billi kienet isservi ta'impediment u ta' ostakolu ghall-konvenuta li tghix il-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-ben essere reciproku, taghha u tal-konjugi l-iehor. Barra minnhekk, dan l-istat mentali, akkumpnajt mill-fatt provat li l-konvenuta kienet, kif jghid l-attur bniedma ta' l-extremes, u kif jirrizulta car mill-attitudini taghha rigwardanti r-relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet, u anke l-ossessjonijiet taghha, jikkostitwixxu anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat da parti tal-konvenuta; filwaqt li jirrizulta car mill-provi li da parti ta' l-attur ma tirrizultax il-*caput nullitatis* kontemplata fil-paragrafu [f] auto imputata minnu fl-att tac-citazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Marzu 1991.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------